

# News Releases



# L-Investiment Dirett Barrani: 2021-2022

**NR 005/2024** **Data tal-Ħruġ: 11 ta' Jannar 2024** **Data tal-Għeluq: 31 ta' Diċembru 2023**

**Ir-reviżjoni ad hoc f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet hija marbuta mar-reviżjoni mħabbra fil-Press Information Notice tat-13 ta' Ġunju 2023.**

*Fi tmiem l-2022, il-pożizzjoni tal-istokk tal-Investiment Dirett Barrani f'Malta kienet ta' €460.8 biljun, filwaqt li l-Investiment Dirett barra minn Malta laħaq l-€447.5 biljun.*



**L-Investiment Dirett Barrani (FDI) f'Malta**

Matul is-sena 2022, l-Investiment Dirett Barrani f'Malta żdied bi €18.9-il biljun (Tabella nru 1). Il-kontributuri ewlenin kienu l-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni b'sehem sħiħ ta' 88.8 fil-mija (Tabella nru 2).

F'Diċembru 2022, il-pożizzjoni tal-istokk tal-Investiment Dirett Barrani ammontat għal €460.8 biljun, żieda ta' €38.0 biljun fuq l-istess żmien tas-sena ta' qabel. Bħas-snin imgħoddija, l-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kienu jammontaw għal 97.7 fil-mija tal-istokk reġistrat f'Diċembru 2022 (Tabella nru 3).

**L-Investiment Dirett Barra minn Malta**

Matul l-2022, l-Investiment Dirett barra mill-pajjiż laħaq b'kollox €23.4 biljun, l-aktar fl-għamla ta' ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment (Tabella nru 4).

Il-pożizzjoni tal-istokk tal-Investiment Dirett Barra mill-Pajjiż kienet ta' €447.5 biljun f'Diċembru 2022, żieda ta' €37.1 biljun fuq il-qagħda tal-2021. L-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kienu jagħmlu 99.3 fil-mija tal-Investiment Dirett Barra mill-Pajjiż (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Il-pożizzjoni tal-istokk tal-Investiment Dirett Barrani fl-aħħar ta' Diċembru

